A.L. --- tal-2026

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

**L.S. 549.77.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

**Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"(1) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw parti mid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-Emissjonijiet Industrijali (il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill kif emendata permezz tad-Direttiva 2024/1785/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024."

**L.S. 549.XX.**

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu wkoll għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar Emissjonijiet Industrijali (Dispożizzjonijiet Speċjali għat-Trobbija ta' Tjur u Majjali.

(3) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis li joriġina minn attivitajiet industrijali. Dawn jistabbilixxu wkoll ir-regoli maħsuba biex jevitaw jew, fejn dan mhux prattikabbli, biex inaqqsu l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fl-art, inklużi miżuri rigward il-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, għat-titjib tal-effiċjenza tar-riżorsi, u għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari u d-dekarbonizzazzjoni, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent fl-intier tagħhom.''

**Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġu emendat kif ġej:

(a) paragrafu (f) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) l-enerġija tintuża b'mod effiċjenti u, fejn possibbli, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli tiġi promossa;"

(b) f'paragrafu (h) il-kliem "regolament 16." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "regolament 16;" u immedjatament wara għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ paragrafi ġodda (i) u (j) li ġejjin:

"(i) ir-riżorsi materjali u l-ilma jintużaw b'mod effiċjenti, inkluż permezz tal-użu mill-ġdid;

(j) tiġi implimentata sistema ta' ġestjoni ambjentali kif imsemmi fir-regolament 7A."

**Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Is-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) il-materja prima u dik awżiljari, sustanzi oħra, l-enerġija u l-ilma użati fl-installazzjoni jew iġġenerati minnha;"

(ii) paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) is-sorsi tal-emissjonijiet mill-installazzjoni, inkluż l-irwejjaħ;"

(iii) paragrafu (f) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli, inklużi l-irwejjaħ, mill-installazzjoni f'kull element ambjentali, kif ukoll l-identifikazzjoni tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;"

**Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.**

**5.** Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġu emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-permess jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tar-regolamenti 4 u 11. Permessi għandhom jingħataw wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti kollha b'responsabbiltà rigward il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, inkluż mal-istandards tal-kwalità ambjentali, skont kif applikabbli. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:"

(b) Paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura, il-perikolożità u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor, filwaqt li titqies il-varjazzjoni tad-dinamika tal-fluss tal-ilma fil-korpi tal-ilma riċeventi:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet għall-sustanzi ta' tħassib emerġenti, li jistgħu jiġu rilaxxati mill-installazzjoni kkonċernata u li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem;";

(ċ) Immedjatament wara paragrafu (a) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ paragrafi ġodda (aa) u (ab) li ġejjin:

"(aa) il-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali f'konformità mar-regolament 8(4);

(ab) rekwiżiti xierqa li jiżguraw il-valutazzjoni tal-ħtieġa tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57 jew sustanzi indirizzati fir-restrizzjonijiet fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;"

(d) Paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma ta' taħt l-art, tal-ilma tal-wiċċ u ż-żoni tal-qbid tal-ilma għal punti ta' astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif imsemmi fir-regolament 8 fir-Regolamenti dwar Ilma Maħsub għall-Konsum mill-Bniedem (L.S. 449.63), u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni;"

(e) Minnufih wara paragrafu (b) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ paragrafi (ba) u (bb) ġodda li ġejjin:

"(ba) rekwiżiti adattati li jistabbilixxu l-karatteristiċi ta' sistema ta' ġestjoni ambjentali f'konformità mal-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament.

(bb) rekwiżiti ta' monitoraġġ xierqa għall-konsum u l-użu mill-ġdid ta' riżorsi bħall-enerġija, l-ilma u l-materja prima;"

(f) F'paragrafu (d), immedjatament qabel il-proviso għall-paragrafu (ii) għandu jiżdied dan il-paragrafu (iii) ġdid li ġej:

"(iii) informazzjoni dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-politika ambjentali msemmija f'paragrafu (a) ta' dan ir-regolament:"

(g) paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) rekwiżiti xierqa għaż-żamma u s-sorveljanza regolari ta' miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art skont il-punt (b), u rekwiżiti xierqa li jikkonċernaw il-monitoraġġ perjodiku tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fir-rigward ta' sustanzi perikolużi rilevanti li x'aktarx jinstabu fuq is-sit u b'kunsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni;"

(h) paragrafu (h) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(h) kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali jew referenza għar-rekwiżiti applikabbli speċifikati xi mkien ieħor.";

(i) Is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi mħassar.

**Iżid regolament ġdid 7A mar-regolamenti prinċipali.**

**6.** Immedjatament wara regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid 7A li ġej:

**Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali.**

**7A.** (1) L-operatur għandu jħejji u jimplimenta, għal kull installazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS). L-EMS għandha tinkludi l-elementi elenkati fis-subregolament (2) u għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.

(2) L-EMS għandha tinkludi mill-anqas dan li ġej:

(a) objettivi tal-politika ambjentali għat-titjib kontinwu tal-prestazzjoni ambjentali u tas-sikurezza tal-installazzjoni, li għandhom jinkludu miżuri biex:

(i) jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart;

(ii) jottimizzaw l-użu u l-użu mill-ġdid tal-ilma u tal-enerġija;

(iii) jipprevjenu jew inaqqsu l-użu jew l-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi;

(b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta' aspetti ambjentali sinifikanti, li għandhom iqisu l-parametri referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT;

**L.S. 623.07.**

(c) għall-installazzjonijiet koperti mill-obbligu li jwettqu awditu tal-enerġija jew li jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija skont ir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija, l-inklużjoni tar-riżultati ta' dak l-awditu jew l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija skont ir-regolament 10 u s-Sitt Skeda tar-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija u tal-miżuri għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom;

(d) inventarju tas-sustanzi kimiċi tas-sustanzi perikolużi preżenti fl-installazzjoni bħala tali, jew emessi minnha, bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra jew bħala parti mit-taħlitiet, b'kunsiderazzjoni speċjali mogħtija għas-sustanzi li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru. 1907/2006 u s-sustanzi indirizzati fir-restrizzjonijiet imsemmija fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru. 1907/2006, u valutazzjoni tar-riskju tal-impatt ta' sustanzi bħal dawn fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, kif ukoll analiżi tal-possibiltajiet sabiex jiġu sostitwiti b'alternattivi aktar sikuri jew sabiex jitnaqqas l-użu jew l-emissjonijiet tagħhom;

(e) miżuri meħuda biex jitlaħqu l-objettivi ambjentali u biex jiġu evitati riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, inklużi miżuri korrettivi u preventivi fejn meħtieġ;

(f) pjan ta' trasformazzjoni kif hemm referenza għalih fir-regolament 22A.

(3) Il-livell ta' dettall tal-EMS għandu jkun konsisteni man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjoni, u l-firxa tal-impatti ambjentali li jista' jkollha:

DRAFT

Iżda, meta elementi meħtieġa li jiġu inklużi fl-EMS, inklużi objettivi, indikaturi tal-prestazzjoni jew miżuri, jkunu diġà ġew żviluppati f'konformità ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u jikkonformaw ma' dan ir-regolament, referenza fl-EMS għad-dokumenti rilevanti għandha tkun biżżejjed.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fis-subregolament 2 tkun disponibbli fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati:

**L.S. 549.39.**

Iżda l-informazzjoni tista' tiġi oskurata, jew jekk dan ma jkunx possibli, eskluża meta ssir disponibbli fuq l-internet, jekk l-iżvelar tal-informazzjoni jkun jaffettwa b'mod negattiv kwalunkwe wieħed mill-interessi elenkati fir-regolament 7(2) tar-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent:

Iżda wkoll fl-applikazzjoni ta' dan is-subregolament, l-awtorità kompetenti għandha tqis kwalunkwe gwida ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea li tiddetermina liema informazzjoni hija rilevanti għall-pubblikazzjoni.

(5) L-operatur għandu, jħejji u jimplimenta l-EMS f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT għas-settur sal-1 ta' Lulju 2027:

Iżda dan l-obbligu ma japplikax għall-installazzjonijiet imsemmija fir-regolament 28C(4).

(6) L-operatur għandu jirrieżamina l-EMS perjodikament biex jiġi żgurat li tkompli tkun xierqa, adegwata u effettiva.

(7) L-EMS għandha tiġi awditjata għall-ewwel darba sal-1 ta' Lulju 2027:

Iżda dan l-obbligu ma japplikax għall-installazzjonijiet msemmija fir-regolament 28C(4).

(8) Awditjar sussegwenti tal-EMS għandhom jitwettqu f'intervalli regolari li ma jaqbżux tlett (3) snin minn:

(a) korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008; jew

(b) verifikatur ambjentali akkreditat jew liċenzjat kif definit fl-Artikolu 2, punt 20 tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009;

li jivverifika l-konformità tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali, u tal-implimentazzjoni tagħha, mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament."

**Jissostitwixxi r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.**

**7.** Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

**Valuri limitu tal-emissjonijiet, valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali, parametri ekwivalenti u miżuri tekniċi.**

(1) Il-valuri limitu tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu għandhom japplikaw fil-punt fejn l-emissjonijiet iħallu l-installazzjoni u, kwalunkwe dilwizzjoni qabel dak il-punt għandha tkun injorata meta dawk il-valuri jkunu qed jiġu stabbiliti.

**L.S. 549.22.**

DRAFT

(2) Fir-rigward tar-rilaxxi indiretti ta’ sustanzi niġġiesa fl-ilma, l-effett ta’ impjant tat-trattament tal-ilma mormi barra mill-installazzjoni jista’ jitqies meta jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-installazzjoni kkonċernata, dment li dan ma jwassalx għal livelli ogħla ta’ tniġġis fl-ambjent, ikun garantit livell ekwivalenti ta’ protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu, u l-operatur jiżgura, f’konsultazzjoni mal-operatur tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi, li r-rilaxxi indiretti ma jipperikolawx il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-permess tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi skont dawn ir-regolamenti jew l-awtorizzazzjoni speċifika skont ir-Regolamenti dwar it-Trattament ta’ Ilma Urban Mormi u li r-rekwiżiti kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

a) is-sustanzi niġġiesa rilaxxati ma jfixklux it-tħaddim tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi jew il-kapaċità fir-rigward tal-irkupru tar-riżorsi mill-fluss tat-trattament tal-ilma mormi;
b) is-sustanzi niġġiesa rilaxxati ma jagħmlux ħsara lis-saħħa tal-persunal li jaħdem fis-sistemi ta’ ġbir u fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi;
c) l-impjant tat-trattament tal-ilma mormi huwa mfassal u mgħammar biex inaqqas is-sustanzi niġġiesa rilaxxati; u
d) it-tagħbija ġenerali tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati li eventwalment jiġu rilaxxati fl-ilma ma tiżdiedx meta mqabbla mas-sitwazzjoni fejn l-emissjonijiet mill-installazzjoni kkonċernata jkunu baqgħu konformi mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti għar-rilaxxi diretti f’konformità mas-subregolament (3), mingħajr preġudizzju għal miżuri aktar stretti meħtieġa skont ir-regolament 11A.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi f’anness tal-kundizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tas-subregolament (2), inkluż ir-riżultat tal-valutazzjoni mill-operatur tat-twettiq tal-kundizzjonijiet meħtieġa:

Iżda l-operatur għandu jipprovdi valutazzjoni aġġornata f’każijiet meta l-kundizzjonijiet għal permess għandhom jinbidlu biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (d) tas-subregolament (2) jiġu ssodisfati.

(4) Mingħajr preġudiżżju għar-regolament 11, il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-parametri ekwivalenti u l-miżuri tekniċi msemmija fir-regolament (7)(1) u (2) għandhom jiġu bbażati fuq BAT, mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta’ xi metodu tekniku jew teknoloġija speċifika.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-valuri limitu tal-emissjonijiet li jistgħu jinkisbu l-aktar stretti possibbli billi jiġu applikati metodi tekniċi disponibbli fl-installazzjoni, filwaqt li titqies il-firxa sħiħa tal-livelli ta’ emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (‘BAT-AELs’) biex jiġi żgurat li, f’kundizzjonijiet normali ta’ tħaddim, l-emissjonijiet ma jaqbżux dawk il-livelli. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni mill-operatur tal-firxa sħiħa tal-BAT-AELs, li tanalizza l-fattibbiltà li jiġi ssodisfat it-tarf l-aktar strett tal-firxa tal-BAT-AEL u li tintwera l-aħjar prestazzjoni globali li tista’ tikseb l-installazzjoni billi tiġi applikata l-BAT kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT wara li jiġu kkunsidrati l-effetti transmedjali possibbli. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti permezz ta’ wieħed minn dawn li ġejjin:

a) il-ħolqien ta’ valuri limitu tal-emissjonijiet espressi għall-istess perjodi jew għal perjodi ta’ żmien iqsar u skont l-istess kundizzjonijiet ta’ referenza bħall-BAT-AELs; jew
b) il-ħolqien ta’ valuri limitu tal-emissjonijiet minn dawk imsemmija fil-punt (a) f’termini ta’ valuri, perjodi ta’ żmien u l-kundizzjonijiet ta’ referenza:

DRAFT

Iżda meta jiġi applikat il-paragrafu (b), l-awtorità kompetenti għandha, mill-anqas darba fis-sena, tivvaluta r-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet sabiex ikun żgurat li l-emissjonijiet f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim ma jkunux qabżu l-BAT-AELs.

**L.S. 549.76.**

(6) Ir-regoli vinkolanti ġenerali msemmija fir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar Qafasr għall-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem, jistgħu jiġu applikati filwaqt li jiġu stabbiliti l-valuri limitu tal-emissjonijiet rilevanti skont dan ir-regolament:

Iżda jekk jiġu adottati regoli vinkolanti ġenerali, il-valuri limitu tal-emissjonijiet li jistgħu jinkisbu l-aktar stretti possibbli, billi jiġu applikati l-BAT, għandhom jiġu stabbiliti għall-kategoriji ta' installazzjonijiet li jkollhom karatteristiċi simili li jkunu rilevanti fid-determinazzjoni tal-livelli ta' emissjonijiet l-aktar baxxi li jistgħu jinkisbu, b'kont meħud tal-firxa sħiħa tal-BAT-AELs:

Iżda r-regoli vinkolanti ġenerali għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti, abbażi tal-informazzjoni fil-konklużjonijiet tal-BAT, li janalizzaw il-fattabilità li jiġi ssodisfat it-tarf l-aktar strett tal-firxa tal-BAT-AEL u li tintwera l-aħjar prestazzjoni li dawk il-kategoriji tal-installazzjonijiet jistgħu jikbsu billi tiġi applikata l-BAT kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT.

**L.S. 549.76.**

(7) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 12 tar- Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijaliu l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi, għal kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, firxiet vinkolanti għal prestazzjoni ambjentali li ma jridux jinqabżu matul perjodu wieħed jew aktar, kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT:

Iżda wkoll, għall-kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi:

a) Valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali li jikkonċernaw l-ilma, filwaqt li tqis l-effetti transmedjali possibbli, li ma jridux jinqabżu matul perjodu wieħed jew aktar, u li mhumiex anqas stretti mill-firxiet vinkolanti msemmija fis-subregolament (1);
b) Livelli indikattivi ta' prestazzjoni ambjentali li jikkonċernaw l-iskart u r-riżorsi għajr l-ilma, li mhumiex anqas stretti mill-firxiet vinkolanti msemmija fis-subregolament (1).

(8) B'deroga mis-subregolament (5), u mingħajr preġudizzju għar-regolament 11, l-awtorità kompetenti tista', f'każijiet speċifiċi, tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet ogħla mill-BAT-AELs:

Iżda deroga ta' dan it-tip tista' tapplika biss meta valutazzjoni turi li l-ilħuq ta' BAT-AELs kif deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT jwassal għal kostijiet sproporzjonalment ogħla meta mqabbla mal-benefiċċji ambjentali minħabba:

a) il-pożizzjoni ġeografika jew il-kundizzjonijiet ambjentali lokali tal-installazzjoni konċernata; jew
b) il-karatteristiċi tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata:

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta f'anness tal-kundizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għad-deroga mis-subregolament (5), u r-riżultat tal-valutazzjoni msemmija f'dan is-subregolament u l-ġustifikazzjoni għall-kundizzjonijiet imposti:

DRAFT

Iżda wkoll li l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti b'konformità mas-subregolament (4) madankollu, m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Iskedi għal dawn ir-regolamenti li ġejjin, meta applikabbli:

**L.S.549.78.**

i. Skeda I sa X tar-Regolamenti dwar Impjanti Kbar tal-Kombustjoni fir-Rigward ta' Emissjonijiet Industrijali;

**L.S.549.79.**

ii. Skeda II u Skeda III tar-Regolamenti dwar Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali;

**L.S.549.80.**

iii. Skeda 1 u Skeda 2 tar-Regolamenti dwar Dijossidu tat-Titanju fir-Rigward ta' Emissjonijiet Industrijali;

**L.S.549.81.**

iv. Skeda 2 sa' Skeda 4 tar-Regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-Rigward tal-Emissjonijiet Industrijali;

**L.S.549.XX**

v. Ir-Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali (Dispożizzjonijiet Speċjali għat-Trobbija tat-Tjur u tal-Majjali). ''

Iżda wkoll id-derogi mogħtija f'konformità ma' dan is-subregolament għandhom jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fit-Tieni Skeda. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-operatur jipprovdi valutazzjoni tal-impatt tad-deroga fuq il-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati fl-ambjent riċeventi u fi kwalunkwe każ tiżgura li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis sinifikanti u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu. Id-derogi ma għandhomx jingħataw meta jkunu jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-istandards ta' kwalità ambjentali msemmija fir-regolament 11:

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta mill-ġdid jekk derogi mogħtija f'konformità ma' dan il-paragrafu humiex ġustifikati, kull erba' snin jew bħala parti minn kull rikunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet għal permess skont ir-regolament 15, meta tali rikunsiderazzjoni ssir aktar kmieni minn erba' snin wara li tkun ingħatat id-deroga.

(9) B'deroga mis-subregolament (7), l-awtorità kompetenti tista', f'każijiet speċifiċi, tistabbilixxi firxiet vinkolanti għall-prestazzjoni ambjentali jew valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali anqas stretti:

Iżda tali deroga tista' tapplika biss meta valutazzjoni turi li l-ilħuq ta' livelli ta' prestazzjoni assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT se jwassal għal impatt ambjentali negattiv sinifikanti, inklużi effetti transmedjali, jew impatt ekonomiku sinifikanti minħabba:

a) Il-pożizzjoni ġeografika jew il-kundizzjonijiet ambjentali lokali tal-installazzjoni kkonċernata; jew
b) Il-karatteristiċi tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata:

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta f'anness tal-kundizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għad-deroga mis-subregolament (7) u r-riżultat tal-valutazzjoni msemmija f'dan is-subregolament u l-ġustifikazzjoni għall-kundizzjonijiet imposti:

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tħaddim skont firxiet vinkolanti għall-prestazzjoni ambjentali jew valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali anqas stretti ma jikkawża l-

ebda impatt ambjentali sinifikanti, inkluż it-tnaqqis fir-riżorsi tal-ilma, u jikseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu.

(10) B'deroga mis-subregolamenti (5) u (7), u dment li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis sinifikanti u jkunu ġew eżawriti l-miżuri kollha li jirriżultaw f'anqas tniġġis, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixi valuri limitu tal-emissjonijiet jew valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali anqas stretti fil-każ ta' kriżi minħabba ċirkostanzi straordinarji lil hinn mill-kontroll tal-operatur u tal-ġurisdizzjoni nazzjonali, li jwasslu għal tfixkil serju jew nuqqas ta':

a) provvisti tal-enerġija, dment li jkun hemm interess pubbliku prevalenti fis-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;
b) riżorsi, materjali jew tagħmir essenzjali għall-operatur biex iwettaq attivitajiet ta' interess pubbliku, f'konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet jew il-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali applikabbli, jew
c) riżorsi, materjali jew tagħmir essenzjali fejn l-*output* tal-produzzjoni jikkumpensa għal tali nuqqas jew tfixkil, għal raġunijiet ta' saħħa pubblika jew sikurezza pubblika, jew għal raġunijiet obbligatorji oħra ta' interess pubbliku prevalenti:

Iżda d-deroga m'għandhiex tingħata għal aktar minn tliet xhur. Jekk ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-għoti ta' derogi jippersistu, id-deroga tista' tittawwal għal perjodu massimu ta' tliet xhur.

Iżda wkoll hekk kif il-kundizzjonijiet tal-provvista jiġu restawrati jew meta jkun hemm alternattiva għall-provvisti tal-enerġija, ir-riżorsi, il-materjali jew it-tagħmir, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li d-deċiżjoni li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet u valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali anqas stretti ma jibqax ikollha effett, u l-installazzjoni għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet għal permess stabbiliti f'konformità mas-subregolamenti (5) u (7):

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri biex tiżgura li l-emissjonijiet li jirriżultaw mid-deroga jiġu mmonitorjati:

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti għandha tagħmel l-informazzjoni dwar id-deroga u l-kundizzjonijiet imposti disponibbli għall-pubbliku f'konformità mar-regolament 18(2):

Iżda wkoll fl-applikazzjoni ta' dan is-subregolament, l-awtorità kompetenti għandha tqis kwalunkwe gwida ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea rigward il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati għad-derogi.

(11) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe deroga mogħtija skont is-subregolament (10), inkluż ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-għoti tad-deroga u l-kundizzjonijiet imposti. Jekk il-Kummissjoni toġġezzjona fi żmien xahrejn, id-deroga għandha tiġi riveduta mingħajr dewmien."

**Iżid regolament ġdid 8A mar-regolamenti prinċipali.**

**8.** Immedjatament wara regolament 8 tar-regolament prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid 8A li ġej:

**Valutazzjoni tal-konformità.**

**8A.** (1) Għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità taħt kundizzjonijiet normali ta' tħaddim mal-valuri limitu tal-emissjonijiet f'konformità mar-regolament 7(1)(h), il-korrezzjoni magħmula għall-kejl biex jiġu ddeterminati l-valuri medji vvalidati tal-emissjonijiet m'għandhiex taqbeż l-inċertezza tal-kejl tal-metodu ta' kejl:

Iżda fl-applikazzjoni ta' dan is-subregolament, l-awtorità kompetenti għandha tqis kwalunkwe

metodologija ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea għall-assessjar ta’ konformità f’kundizzjonijiet normali ta’ tħaddim mal-valuri limitu tal-emissjonijiet elenkati fil-permess rigward l-emissjonijiet fl-arja u l-ilma.

**L.S. 549.78.**
**L.S. 549.81.**

(2) Meta installazzjoni li taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dawn ir-regolamenti taqa’ wkoll fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolamenti dwar Impjanti Kbar tal-Kombustjoni fir-rigward ta’ Emissjonijiet Industrijali jew ir-Regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-rigward tal-Emissjonijiet Industrijali u tkun intweriet il-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f’konformità ma’ dawn ir-regolamenti skont is-subregolament (1), l-installazzjoni għandha titqies li tikkonforma wkoll mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f’konformità mar-Regolamenti dwar Impjanti Kbar tal-Kombustjoni fir-rigward ta’ Emissjonijiet Industrijali jew ir-Regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-rigward tal-Emissjonijiet Industrijali għas-sustanzi niġġiesa kkonċernati taħt kundizzjonijiet normali ta’ tħaddim”.

**Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.**

**9.** Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b’dan is-subregolament ġdid li ġej:

“(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (2), il-monitoraġġ perjodiku għandu jitwettaq kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-BAT, meta applikabbli, u mill-anqas darba kull erba’ snin għall-ilma ta’ taħt l-art u kull disa’ snin għall-ħamrija, dment li tali monitoraġġ ma jkunx ibbażat fuq valutazzjoni sistematika tar-riskju ta’ kontaminazzjoni.”

(b) Immedjatament wara s-subregolament (3) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ subregolamenti ġodda li ġejjin:

“(4) Il-kontroll tal-kwalità tal-laboratorji li jwettqu l-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq standards CEN jew, jekk l-istandards CEN ma jkunux disponibbli, l-istandards ISO, nazzjonali jew dawk internazzjonali oħra li jiżguraw l-għoti ta’ data ta’ kwalità xjentifika ekwivalenti.

(5) Meta l-valutazzjoni msemmija fis-subregolament (8) tar-regolament 8 turi li d-deroga se jkollha effett kwantifikabbli jew li jista’ jitkejjel fuq l-ambjent, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati tiġi mmonitorjata fl-ambjent riċeventi:

Iżda meta jkun rilevanti, għandhom jintużaw metodi ta’ monitoraġġ u ta’ kejl għal kull sustanza niġġiesa kkonċernata li huma stabbiliti f’leġislazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni għall-fini tal-monitoraġġ imsemmi fis-subregolament (1).”

**Jissostitwixxi r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.**

**10.** Ir-regolament 11 għandu jiġi sostitwit b’dan ir-regolament ġdid li ġej:

**Standards ta’ kwalità ambjentali.**

“(1) Meta standard tal-kwalità ambjentali jkun jeħtieġ kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, l-awtorità kompetenti għandha tinkludi miżuri addizzjonali fil-permess, bil-għan li titnaqqas il-kontribuzzjoni speċifika tal-

DRAFT

installazzjoni għat-tniġġis li jseħħ fiż-żona rilevanti, mingħajr preġudizzju għal miżuri oħrajn li jistgħu jittieħdu biex ikun hemm konformità mal-istandards tal-kwalità ambjentali.

(2) Meta jkunu ġew inklużi kundizzjonijiet aktar stretti fil-permess f'konformità mas-subregolament (1), l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-impatt tal-kundizzjonijiet aktar stretti fuq il-konċentrazzjoni ta' sustanzi niġġiesa kkonċernati fl-ambjent riċeventi.

(3) Meta t-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa emessi mill-installazzjoni jkollha effett kwantifikabbli jew li jista' jitkejjel fuq l-ambjent, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati fl-ambjent riċeventi tiġi mmonitorjata. Ir-riżultati ta' tali monitoraġġ għandhom jiġu trażmessi lill-awtorità kompetenti:

Iżda meta l-metodi ta' monitoraġġ u ta' kejl għas-sustanzi niġġiesa kkonċernati jkunu stabbiliti f'leġislazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, dawn il-metodi, inklużi l-metodi bbażati fuq l-effetti kif xieraq, għandhom jintużaw għall-fini tal-monitoraġġ."

**Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.**

**11.** Is-subregolament (1) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

''(1) L-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti b'kull bidla ppjanata fin-natura jew il-funzjonament, jew estensjoni tal-installazzjoni li jista' jkollha konsegwenzi għall-ambjent, fi żmien debitu u fi kwalunkwe każ qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla jew estensjoni jew kif inkella jkun preskritt mill-awtorità. Meta xieraq, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess. L-awtorità kompetenti għandha tirreaġixxi fi żmien debitu għall-informazzjoni provduta mill-operatur.

**Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.**

**12.** Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jigi emendat kif ġej:

(a) F'paragrafu (a) tas-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "mar-regolament 8(3) u (4)," għandu jiġi sostitwit bil-kliem "mar-regolament 8(5), (7) u (8),";

(b) Fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "minn meta l-permess inħareġ jew ġie kkunsidrat mill-ġdid l-aħħar." għandhom ikunu sostitwiti bil-kliem "minn meta l-permess inħareġ jew ġie kkunsidrat mill-ġdid l-aħħar:" u immedjatament wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fl-applikazzjoni ta' dan is-subregolament, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika kwalunkwe deċiżjoni lill-operaturi kkonċernati immedjatament mal-pubblikazzjoni tagħha u l-operatur għandu jibgħat l-informazzjoni mitluba fis-subregolament (3) fiż-żmien preskritt mill-Awtorità, fir-rigward ta' din id-deċiżjoni sabiex jassisti lill-awtorità kompetenti sabiex tiddetermina jekk il-permess hux jeħtieġ li jiġi aġġornat."

(b) Paragrafu (ċ) tas-subregolament (6) tiegħu għandu jkun sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) fejn ikun meħtieġ li jkun hemm konformità ma' standard ta' kwalità ambjentali msemmi fir-regolament 11, inkluż fil-każ ta' standard ta' kwalità ġdid jew rivedut jew fejn l-istatus tal-ambjent riċeventi jeħtieġ reviżjoni tal-permess sabiex tinkiseb konformità mal-pjanijiet u mal-programmi strabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;";

(c) Fil-paragrafu (d) tas-subregolament (6), il-kliem "ikun għadda." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "ikun għadda;" u immedjatament wara l-paragrafu (d), għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid (e) li ġej:

"(e) fil-każ ta' talba mill-operatur biex jiġi estiż it-tul ta' żmien tat-tħaddim ta' installazzjoni li twettaq l-attività msemmija fil-punt 5.4 ta' Skeda 1."

**Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.**

**13.** Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jigi emendat kif ġej:

(a) Paragrafu (d) tas-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) l-aġġornament ta' permess jew il-kundizzjonijiet għal permess għal installazzjoni f'konformità mar-regolament 15(6);";

(b) Paragrafu (e) tas-subregolament (1) tiegħu għandu jigi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) l-aġġornament ta' permess f'konformità mar-regolamenti 15(3), 15(4) u 15(5);";

(c) Is-subregolament (2) tiegħu għandu jkun sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Meta tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-ħruġ jew il-kunsiderazzjoni mill-ġdid jew l-aġġornament ta' permess, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-internet, fuq paġna web li jkun faċli li tinsab, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-uttenti rreġistrati, fir-rigward tal-punti (a), (b) u (f), l-informazzjoni li ġejja:"

(a) Il-kontenut tad-deċiżjoni, inkluż kopja tal-permess u kwalunkwe aġġornament sussegwenti, inklużi l-kundizzjonijiet għal permess ikkonsolidati meta rilevanti;

(b) Ir-raġunijiet li fuqhom tkun imsejsa d-deċiżjoni;

(c) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li saru qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni, inklużi l-konsultazzjonijiet li saru skont ir-regolament 21, u spjegazzjoni ta' kif dawk il-konsultazzjonijiet tqiesu f'dik id-deċiżjoni;

(d) it-titolu tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT relevanti għall-installazzjoni jew attività kkonċernata;

(e) kif il-kundizzjonijiet għal permess imsemmija fir-regolament 7, inklużi l-valuri limitu tal-emissjonijiet, il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali, ikunu ġew determinati f'relazzjoni mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli u l-livelli ta' emissjonijiet u l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;

(f) meta tingħata deroga f'konformità mar-regolament 8, ir-raġunijiet speċifiċi għal dik id-deroga bbażati fuq il-kriterji stabbiliti f'dak is-subregolament u l-kundizzjonijiet imposti."

(d) Is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) L-awtorità kompetenti għandha wkoll tagħmel disponibbli għall-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-internet, fuq paġna web li jkun faċli li tinstab, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati, dan li ġej:

(a) informazzjoni rilevanti dwar il-miżuri meħudin mill-operatur mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet f'konformità mar-regolament 16;

(b) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet kif meħtieġ skont il-kundizzjonijiet għal permess u miżmumin mill-awtorità kompetenti;

(c) ir-riżultati tal-monitoraġġ imsemmi fir-regolament 9(5) u fir-regolament 11".

**Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.**

**14.** Is-subregolament (2) tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Dawn li ġejjin għandhom jkunu meqjusa wkoll bħala li għandhom kompetenza fir-rigward tal-applikazzjoni tas-subregolament (1):

(a) l-entità responsabbli għall-enerġija u effiċjenza enerġetika b'rabta mal-attivitajiet kollha elenkati fi Skeda 1;

(b) l-entità responsabbli għall-agrikoltura, servizzi veterinarji u sajd b'rabta mal-attivitajiet 6.4 u 6.5 fi Skeda 1, u kwalunkwe attività li tikkonċerna r-rimi jew ir-riċiklaġġ ta' prodotti sekondarji tal-annimali;

(c) l-entità responsabbli għar-regolarizzazzjoni tal-kompetizzjoni, affarijiet tal-konsumatur, rekwiżiti tekniċi tal-prodott, standardizzazzjoni u metroloġija legali b'rabta mal-attivitajiet 1.2, 1.3, 2.1, 2.5, 2.6, 3.1, 3.2, 3.3, 3.4, 4, 6.7 u 6.10 fi Skeda 1;

(d) l-entità responsabbli għall-protezzjoni ċivili b'rabta mal-attivitajiet kollha elenkati fi Skeda 1;

(e) l-entità responsabbli għas-saħħa ambjentali b'rabta mal-attivitajiet fl-Iskeda 1;

(f) l-entità responsabbli għat-trasport b'rabta mal-attivitajiet li jinvolvu r-rilaxx ta' skart likwidu f'portijiet;

(g) l-entità responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol b'rabta mal-attivitajiet li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u attivitajiet koperti mir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar;

(h) l-entità responsabbli għall-protezzjoni ta' ilma ta' taħt l-art b'rabta mal-attivitajiet li jinvolvu l-użu tal-ilma tal-pjan u l-awmentazzjoni tal-ilma tal-akwifer;

(i) l-entità responsabbli għall-ippjanar tal-iżvilupp b'rabta mal-attivitajiet kollha fl-Iskeda 1;

(j) l-entità responsabbli għat-tibdil tal-klima b'rabta mal-attivitajiet 1, 4 u 5 fl-Iskeda 1.

(k) l-entità responsabbli għar-riżorsi tal-ilma b'rabta mal-attivitajiet kollha fl-Iskeda 1."

**Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.**

**15.** Ir-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (3) tiegħu għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Għall-iskopijiet tas-subregolament (1), preżenza fil-proċedura ta' rieżami m'għandhiex tkun kundizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet."

(b)Is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi mħassar.

**Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.**

**16.** Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Meta awtorità kompetenti tkun konxja li t-tħaddim ta' installazzjoni jaf ikollu effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent ta' Stat Membru ieħor, jew meta Stat Membru li jaf jiġi affettwat b'mod sinifikanti jitlob dan, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess għandu jibgħat lill-Istat Membru l-ieħor kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li trid tingħata jew li trid tkun magħmula disponibbli skont l-Iskeda 4 fl-istess waqt li jagħmilha disponibbli lill-pubbliku:

Iżda abbażi ta' dik l-informazzjoni, għandhom jitwettqu konsultazzjonijiet bejn iż-żewg Stati Membri, filwaqt li jiġi żgurat li l-kummenti mill-Istat Membru li jaf jiġi affettwat b'mod sinifikanti jiġu pprovduti qabel ma l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess, tasal għad-deċiżjoni tagħha.

Iżda wkoll jekk ma jingħata l-ebda kumment mill-Istat Membru li jaf jiġi affettwat b'mod sinifikanti fil-perjodu għall-konsultazzjoni tal-membri tal-pubbliku kkonċernati, l-awtorità kompetenti għandha tipproċedi bil-proċedura tal-għoti tal-permessi."

(b) Is-subregolament (2) tiegħu għandu jigi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (1), l-applikazzjoni għal permess issir disponibbli wkoll għal kummenti lill-pubbliku tal-Istat Membru li jaf jiġi affettwat b'mod sinifikanti u tibqa' disponibbli għall-istess perjodu ta' żmien li kienet disponibbli lill-pubbliku kkonċernat f'Malta."

**Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.**

**17.** Ir-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-awtorità kompetenti għandha, meta xieraq, tinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi tekniċi emerġenti, b'mod partikolari meta tali metodi tekniċi jkunu ġew identifikati fil-konklużjonijiet tal-BAT, fid-dokumenti ta' referenza tal-BAT jew fis-sejbiet taċ-ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali msemmija fid-Direttiva 2024/1785.

(b) Immedjatament wara is-subregolament (2) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ subregolamenti ġodda (3) u (4) li ġejjin:

DRAFT

**Ittestjar ta' metodi tekniċi emerġenti.**

"(3) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 11, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi temporanji mir-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolamenti 8(3), (4) u (5) u mill-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi (a) u (b) tar-regolament 4, għall-ittestjar ta' metodi tekniċi emerġenti għal perjodu totali ta' żmien li ma jaqbiżx it-30 xahar, dment li wara l-perjodu speċifikat fil-permess, jew jitwaqqaf l-ittestjar tal-metodu tekniku jew l-attività tikseb mill-anqas il-BAT-AELs.

**Livelli ta' emissjonijiet u valuri indikattivi ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati ma' metodi tekniċi emerġenti.**

(4) B'deroga mir-regolament 15(4), l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi:

(a) valuri limitu tal-emissjonijiet li jiżguraw li, fi żmien sitt snin mill-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-konklużjonijiet tal-BAT f'konformità mal-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 fuq ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali relatata mal-attività ewlenija ta' installazzjoni, l-emissjonijiet ma jaqbżux, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-metodi tekniċi emerġenti kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT;

(b) valuri indikattivi ta' prestazzjoni ambjentali konsistenti mad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT."

**Iżid regolamenti ġodda 22A u 22B mar-regolamenti prinċipali.**

**18.** Immedjatament wara regolament 22 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn ir-regolamenti ġodda 22A u 22B li ġejjin:

**Trasformazzjoni lejn industrija nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima.**

**22A.** "(1) L-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi li sat-30 ta' Ġunju 2030 l-operaturi jinkludu fl-EMS tagħhom pjan ta' trasformazzjoni indikattiv li jkopri l-attivitajiet tagħhom kif elenkati fil-paragrafi 1,2,3,4,6.1 (a) u 6.1(b) ta' Skeda 1. Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif l-operatur se jittrasforma l-installazzjoni matul il-perjodu 2030-2050 biex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari, effiċjenti fir-riżorsi u newtrali għall-klima sal-2050, inkluż meta rilevanti t-trasformazzjoni industrijali industrijali profonda kif imsemmi fir-regolament 22B:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2031, l-organizzazzjoni tal-awditu msemmija fir-regolament 7A(4), tivvaluta l-konformità tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att delegat imsemmi fis-subregolament (5).

(2) L-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi li, bħala parti mir-rieżami tal-kundizzjonijiet għal permess skont ir-regolament 15(4) wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT wara l-1 ta' Jannar 2030, l-operatur jinkludi fl-EMS tiegħu pjan ta' trasformazzjoni għal kull installazzjoni li twettaq kwalunkwe attività elenkata fl-Ewwel Skeda li m'hijiex imsemmija fis-subregolament (1). Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif l-operatur se jittrasforma l-installazzjoni matul il-perjodu 2030-2050 biex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għal-klima sal-2050, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-att delegat imsemmi fis-subregolament (5):

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li, sa mhux aktar tard minn sena wara t-tlestija tar-rieżami imsemmija fir-regolament 15(4), l-organizzazzjoni tal-awditu msemmija fir-regolament 7A(4), tivvaluta l-konformità tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni

DRAFT

msemmija f'dan is-subregolament mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att delegat imsemmi fis-subregolament (5).

(3) Meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti li huma parti mill-istess kumpanija, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn pjan ta' trasformazzjoni wieħed.

(4) Meta elementi tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni jkunu diġà ġew żviluppati f'konformità ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u jkunu konformi ma' dan ir-regolament, tista' ssir referenza fil-pjan ta' trasformazzjoni għad-dokumenti rilevanti.

(5) L-operatur għandu jagħmel il-pjan ta' trasformazzjoni tiegħu, l-aġġornamenti tal-pjan ta' trasformazzjoni, kif ukoll ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) pubbliċi, bħala parti mill-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS kif imsemmi fir-regolament 7A(4).

(6) L-awtorita kompetenti għandha tqis kwalunkwe gwida ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea rigward il-kontenut tal-pjan tat-trasformazzjoni.

**Transformazzjoni Industrijali Profonda.**

**22B.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 11, fil-każ ta' trasformazzjoni industrijali profonda tal-installazzjoni stabbilità fil-pjan ta' trasformazzjoni rilevanti li jkopri l-installazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-perjodu biex l-installazzjoni tikkonforma mal-kundizzjonijiet għal permess aġġornati imsemmija fis-subregolament (4) tar-regolament 15 għal total massimu ta' tmien snin, dment li:

(a) il-permess għall-installazzjoni jkun fih deskrizzjoni tat-trasformazzjoni industrijali profonda, il-livelli ta' emissjonijiet u l-effiċjenza fir-riżorsi li se jinkisbu, u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni u l-istadji importanti;

(b) l-operatur jirrapporta kull sena lill-awtorità kompetenti dwar il-progress fl-implimentazzjoni tat-trasformazzjoni industrijali profonda; u

(c) matul il-perjodu mogħti għat-trasformazzjoni tal-installazzjoni, l-awtorità kompetenti tiżgura li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis sinifikanti u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 11 u 16, fil-każ ta' trasformazzjoni industrijali profonda li tikkonsisti fl-għeluq ta' installazzjoni u s-sostituzzjoni tagħha b'installazzjoni ġdida stabbilita fil-pjan ta' trasformazzjoni rilevanti li jkopri l-installazzjoni u li għandu jitlesta fi żmien 8 snin mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT, f'konformità mal-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali, relatati mal-attività ewlenija tal-installazzjoni eżistenti, l-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għall-obbligu tal-aġġornament tal-permess f'konformità mas-subregolament 4 tar-regolament 15, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-permess għall-installazzjoni eżistenti jkun fih deskrizzjoni tal-pjan ta' għeluq u l-iskeda ta' żmien u l-istadji importanti assoċjati;

(b) l-operatur jirrapporta kull sena lill-awtorità kompetenti dwar il-progress fir-rigward tal-pjan ta' għeluq għall-installazzjoni eżistenti u s-sostituzzjoni tagħha b'installazzjoni ġdida;

(c) matul il-perjodu ta' qabel l-għeluq tal-installazzjoni, l-awtorità kompetenti tiżgura li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis sinifikanti u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni Ewropea mill-anqas darba fis-sena

bid-derogi mogħtija skont dan ir-regolament parti mir-rapporti sottomessi lill-Kummissjoni."

**Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.**

**19.** Ir-regolament 24 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fis-subregolament (3) tiegħu, immedjatament wara l-kliem "mitluba mill-operatur", għandu jiżdied dan il-provediment ġdid li ġej:

"Iżda f'każ ta' varjazzjonijiet li ma jikkwalifikawx bħala tibdil sostanzjali, l-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għall-miżata."

**Iżid regolamenti ġodda 28A, 28B u 28Ċ mar-regolamenti prinċipali.**

**20.** Immedjatament wara regolament 28 għandhom jiżdiedu dawn ir-regolamenti ġodda 28A, 28B u 28Ċ li ġejjin:

**"Penali amministrattivi.**

**28A.** (1) L-Awtorità kompetenti tista' alternattivament timponi penali amministrattiva skont l-Artikoli 80 u 81 tal-Att:

Iżda għall-ksur l-aktar serju mwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu tal-penali finanzjarji amministrattivi għandu jkun mill-anqas 3% tal-fatturat annwali tal-operatur fis-sena finanzjarja li tippreċedi s-sena li fiha tiġi imposta l-multa.

**Kumpens.**

**28B.** (1) Meta jkun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali li ġew adottati skont dawn ir-regolamenti, l-individwi affettwati għandhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti.

(2) Ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens għandhom jitfasslu u jiġu applikati b'tali mod li ma jagħmlux impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont is-subregolament (1).

(3) Azzjonijiet għal kumpens imsemmija fis-subregolament (1) jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Tali perjodu m'għandux jibda qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf jew raġonevolment tista' tkun mistennija li tkun taf li hija ġarrbet dannu minn tali ksur."

**Dispożizzjonijiet Tranżitorji.**

**28Ċ**. (1) Fir-rigward ta' installazzjonijiet li jwettqu attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 1, l-awtorità kompetenti għandha tapplika r-regolament 7(1), paragrafi (aa), (bb), u (h), u regolament 8(7) u (9) fi żmien 4 snin mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT li jkunu ġew ippubblikati wara l-1 ta' Lulju 2026 relatati mal-attività prinċipali ta' installazzjoni skont l-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/75/UE:

Iżda fir-rigward tal-installazzjonijiet li ġew permessi għall-ewwel darba wara l-pubblikazzjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT ippubblikati wara l-1 ta' Lulju 2026 għandhom japplikaw il-provedimenti b'referenza f'dan is-subregolamenti mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

(2) Fir-rigward ta' installazzjonijiet li jwettqu attivitajiet imsemmija fl-ewwel Skeda li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti qabel l-4 ta' Awwissu 2024 u li qed jitħaddmu u kellhom permess qabel l-1 ta' Lulju 2026, ir-regolament 7(1), paragrafi (a), (b), (ba) u (d), u

regolamenti 8(1), 8(2), 8(3), 8(8), 8A u 9(5) għandhom japplikaw meta l-permess jingħata jew jiġi aġġornat skont ir-regolamenti 13(2) jew 15(6), jew aġġornat fi żmien 4 snin mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT li jkunu ġew ippubblikati wara l-1 ta' Lulju 2026 skont l-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/75/UE relatat mal-attività prinċipali ta' installazzjoni, jew sal-1 ta' Settembru 2036, liem minnhom ikun l-ewwel:

Iżda fir-rigward ta' installazzjonijiet li għalihom l-operaturi jkunu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għal permess qabel l-1 ta' Lulju 2026, dment li dawk l-installazzjonijiet jibdew jitħaddmu mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2027, l-istess provvedimenti għandhom japplikaw meta l-permess jingħata jew jiġi aġġornat skont ir-regolamenti 13(2) jew 15(6), jew aġġornati fi żmien 4 snin mill-konklużjonijiet tal-BAT, jew sal-1 ta' Settembru 2036, liem minnhom ikun l-ewwel:

Iżda wkoll fir-rigward tal-installazzjonijiet li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fis-subregolament, regolament 8(4) għandu japplika meta l-permess jiġi aġġornat fi żmien erba' snin mill-pubblikazzjoni ta', jew jingħata wara, deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT, jew meta l-permess jiġi aġġornat f'konformità mar-regolament 15, jew sal-1 ta' Settembru 2036, skont liema data tiġi l-ewwel:

Iżda wkoll sad-data rilevanti ta' applikazzjoni kif imsemmija, l-installazzjonijiet imsemmija f'dak is-subparagrafu, għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2010/75/UE fil-verżjoni fis-seħħ fit-3 ta' Awwissu 2024.

(3) Fir-rigward tal-installazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti qabel l-4 ta' Awwissu 2024 u jwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Anness 1, paragrafu 2.3 (aa) u li jlesti l-fibri tat-tessuti jew it-tessuti skont il-paragrafu 6.2 ta' dak l-Anness li jkunu qed jitħaddmu qabel l-1 ta' Lulju 2026, l-awtorità kompetenti għandha, bl-eċċezzjoni tar-regolament 7(1), paragrafi (aa), (bb) u (h), regolamenti 8(7) u 8(9), japplikaw ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati f'konformità ma' dawn ir-Regolamenti fi żmien erba' snin mill-1 ta' Lulju 2026.

(4) Fir-rigward tal-installazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE qabel l-4 ta' Awwissu 2024 u t-twettiq tal-attivitajiet imsemmija fl-Anness I, paragrafi 1.4, 2.3(b), 2.3(ba), 2.7 u 3.6, l-awtorità kompetenti għandha, bl-eċċezzjoni tar-regolamenti 7(1), paragrafi (aa), (bb) u (h), 8(7) u 8(9), japplikaw ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati f'konformità ma' dawn ir-Regolamenti fi żmien erba' snin mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT f'konformità mal-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-attività ewlenija ta' installazzjoni jew sal-1 ta' Settembru 2034, skont liema minnhom tiġi l-ewwel:

Iżda sad-data rilevanti ta' applikazzjoni l-installazzjonijiet imsemmija għandhom ikunu skont id-Direttiva 2010/75/UE fil-verżjoni fis-seħħ fil-jum qabel ma din id-Direttiva tidħol fis-seħħ:

Iżda wkoll l-installazzjonijiet li huma permessi għall-ewwel darba wara l-pubblikazzjonijiet tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT ippubblikati wara l-1 ta' Lulju 2026 għandhom japplikaw ma' dawn ir-regolamenti u proviżjonijiet mid-data ta' pubblikazzjoni.

(5) Id-derogi mogħtija mill-awtorità kompetenti f'konformità mar-regolament 8(8) qabel l-1 ta' Lulju 2026 għandhom jibqgħu validi sakemm l-awtorità kompetenti tivvaluta mill-ġdid jekk id-deroga hijiex ġustifikata skont ir-regolament 8(8). Il-valutazzjoni mill-ġdid għandha titwettaq erba' snin mill-1 ta' Lulju 2026 jew bħala parti mir-rikunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet għal permess skont ir-regolament 15, skont liema tiġi l-ewwel.

(6) Id-derogi għall-ittestjar u l-użu ta' metodi tekniċi emerġenti mogħtija mill-awtorità kompetenti f'konformità mar-Regolament 8(10) fil-verżjoni fis-seħħ fid-data tat-3 ta' Awwissu 2024, qabel l-1 ta' Lulju 2026 għandhom jibqgħu validi sa tmiem il-perjodu speċifikat fid-deċizjoni li tagħti d-deroga. Wara l-perjodu speċifikat, l-ittestjar tal-metodu tekniku għandu jitwaqqaf jew l-attività għandha tikseb mill-anqas il-BAT-AELs.

**Jemenda l-Iskeda 1 tar-regolamenti prinċipali.**

**21.** L-iSkeda 1 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) punt 1.4 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"1.4. Gassifikazzjoni, likwefazzjoni jew pirolisi ta':

(a) faħam;

(b) karburanti oħra f'installazzjonijiet b'input termali kklassifikat totali ta' 20 MW jew aktar";

(b) punt 2.3 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"2.3. Ipproċessar tal-metalli tal-ħadid:

(a) it-tħaddim ta' mtieħen ta' laminazzjoni fis-sħana b'kapaċità li taqbeż l-20 tunnellata ta' azzar mhux maħdum fis-siegħa;
(aa) it-tħaddim ta' mtieħen ta' laminazzjoni fil-kesħa b'kapaċità li taqbeż l-10 tunnellati ta' azzar mhux maħdum fis-siegħa;
(b) it-tħaddim ta' ferreriji bl-imrietel li l-enerġija tagħhom taqbeż il-50 kilojoule għal kull martell;
(ba) it-tħaddim ta' ferreriji bi preses tal-forġa li l-forza tagħhom taqbeż it-30 mega-newtons (MN) għal kull pressa;
(c) l-applikazzjoni ta' kisjiet protettivi bil-metall fuż b'input li jaqbeż iż-żewġ (2) tunnellati ta' azzar mhux maħdum fis-siegħa.";

(c) Immedjatament wara l-punt 2.6 tagħha, għandu jiżdied dan il-punt 2.7 ġdid li ġej:

"2.7. Il-manifattura ta' batteriji, ħlief l-assemblaġġ b'mod esklussiv, b'kapaċità tal-produzzjoni ta' 15 000 tunnellata ta' ċelloli tal-batteriji (katodu, anodu, elettrolit, separatur, kapsula) jew aktar fis-sena.";

(d) Punt 3.5 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"3.5. Il-manifattura bin-nar ta' prodotti taċ-ċeramika, b'mod partikolari tegoli tas-soqfa, bricks, bricks refrattorji, madum, xogħol tal-ġebel jew porċellana b:

(a) kapaċità tal-produzzjoni li taqbeż il-75 tunnellata kuljum; u/jew

(b) kapaċità tal-fran li taqbeż l-4 m3 u densità ta' ssettjar għal kull forn li taqbeż it-300 kg/m3.';

(e) Immedjatament wara punt 3.5 tagħha, għandu jiżdied dan il-punt ġdid 3.6 li ġej:

"3.6. L-estrazzjoni inklużi operazzjonijiet ta' trattament fuq il-post, bħat-tifrik, il-kontroll tad-daqs, il-benefiċjazzjoni u t-titjib, tal-minerali fuq skala industrijali li ġejjin:

il-boksajt, il-kromu, il-kobalt, ir-ram, id-deheb, il-ħadid, iċ-ċomb, il-litju, il-manganiż, in-nikil, il-palladju, il-platinu, il-landa, it-tungstenu u ż-żingu.";

(f) Punt 4.2(a) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"(a) gassijiet, bħall-ammonja, il-klorin jew il-klorur tal-idroġenu, il-fluworin jew il-fluworidu tal-idroġenu, l-ossidi tal-karbonju, il-komposti tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu, l-idroġenu ħlief meta prodott mill-elettroliżi tal-ilma, id-diossidu tal-kubrit, il-klorur tal-karbonil;";

(g) Punt 5.3 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"5.3. (a) Ir-rimi ta' skart mhux perikoluż b'kapaċità li taqbeż il-50 tunnellata kuljum li jinvolvi waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin, u li jeskludi l-attivitajiet koperti mir-Regolamenti dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi:

(i) it-trattament bijoloġiku, bħad-diġestjoni anaerobika jew il-kodiġestjoni;

(ii) it-trattament fiżikokimiku;

(iii) it-trattament minn qabel tal-iskart għall-inċinerazzjoni jew għall-koinċinerazzjoni;

(iv) it-trattament ta' gagazzi u rmied;

(v) it-trattament fi shredders tal-iskart tal-metall, inkluż tagħmir tal-iskart tal-elettriku u elettroniku u vetturi li m'għadhomx jintużaw u l-komponenti tagħhom.

(b) L-irkupru, jew taħlita ta' rkupru u rimi, ta' skart mhux perikoluż b'kapaċità li taqbeż il-75 tunnellata kuljum li jinvolvi waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew aktar, u li jeskludi l-attivitajiet koperti mir-Regolamenti dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi:

(i) it-trattament bijoloġiku, bħad-diġestjoni anaerobika;

(ii) it-trattament minn qabel tal-iskart għall-inċinerazzjoni jew għall-koinċinerazzjoni;

(iii) it-trattament ta' gagazzi u rmied;

(iv) it-trattament fi shredders tal-iskart tal-metall, inkluż tagħmir tal-iskart tal-elettriku u elettroniku u vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-komponenti tagħhom.

Iżda meta l-unika attività ta' trattament tal-iskart li titwettaq tkun id-diġestjoni anaerobika, il-livell limitu tal-kapaċità għal din l-attività għandu jkun ta' 100 tunnellata kuljum.

(h) Punt 6.2 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

DRAFT

"6.2. It-trattament minn qabel (operazzjonijiet bħal ħasil, ibbliċjar, merċerizzazzjoni), tiżbigħ jew finitura ta' fibri tat-tessuti jew ta' tessuti meta l-kapaċità tat-trattament taqbeż l-10 tunnellati kuljum.";

(i) Punt 6.5 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"6.5. Ir-rimi jew ir-riċiklaġġ ta' karkassi tal-annimali jew prodotti sekondarji tal-annimali b'kapaċità ta' trattament li taqbeż l-10 tunnellati kuljum.".

(j) Punt 6.6 taġħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"6.6. L-elettroliżi tal-ilma għall-produzzjoni tal-idroġenu meta l-kapaċità tal-produzzjoni taqbeż il-50 tunnellata kuljum.".

**Jissostitwixxi l-Iskeda 2 tar-regolamenti prinċipali.**

**22.** L-Iskeda 2 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra u sostitwita b'din l-Iskeda 2 ġdida li ġej:

**"Skeda 2**

**Prinċipji li jridu jiġu rispettati meta tingħata deroga msemmija fir-regolament 8(8)"**

Id-derogi previsti f'konformità mar-regolament 8(8) għandhom jirrispetaw il-prinċipji li ġejjin:

**1. Kostijiet**

1.1. Il-kostijiet imsemmija fir-regolament 8(8) għandhom ikunu l-kostijiet ta' konformità mal-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli u jinkludu kemm il-kostijiet kapitali kif ukoll il-kostijiet operattivi. Il-kostijiet soċjali jew ekonomiċi usa' m'għandhomx jiġu inklużi.

1.2. L-evalwazzjoni tal-kostijiet għandha tkun kwantitattiva, u appoġġata minn valutazzjoni kwalitattiva.

1.3. Il-kostijiet ikkunsidrati fl-evalwazzjoni għandhom:

(a) jirrappreżentaw il-kostijiet tal-valur nett, wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe benefiċċju finanzjarju mill-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;

(b) jinkludu l-kost tal-aċċess għall-kapital finanzjarju meħtieġ biex jiġu ffinanzjati l-aħjar metodi tekniċi disponibbli;

(c) jiġu kkalkolati bl-użu ta' rata ta' skont biex jitqiesu d-differenzi fil-valur monetarju maż-żmien.

1.4. L-applikazzjoni għal deroga għandha tidentifika b'mod ċar is-sors tal-kostijiet u l-metodi użati għall-kalkolu tagħhom, inkluża r-rata ta' skont imsemmija fil-punt 1.3(c) u l-istima tal-inċertezzi assoċjati mal-evalwazzjoni tal-kostijiet.

1.5. Il-kostijiet evalwati mill-operatur għandhom jiġu vvalutati mill-awtorità kompetenti,

DRAFT

abbażi tal-informazzjoni minn sorsi oħra bħal fornituri tat-teknoloġija, riċerka rieżaminata bejn il-pari, ġudizzji esperti jew data minn installazzjonijiet oħra fejn ġew installati reċentement l-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

**2. Benefiċċji Ambjentali**

2.1. Il-benefiċċji ambjentali msemmija fir-regolament (7) għandhom ikunu l-benefiċċji ambjentali ta' konformità mal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

2.2. L-evalwazzjoni tal-benefiċċji ambjentali għandha tkun kwantitattiva (f'termini monetarji), u appoġġata minn valutazzjoni kwalittiva. Meta jkunu disponibbli, għandhom jintużaw il-kostijiet stabbiliti tal-ħsara tas-sustanzi li jniġġsu.

2.3. L-evalwazzjoni tal-benefiċċji ambjentali għandha tikkunsidra rata ta' skont applikata għal kwalunkwe benefiċċju monetizzat li jindirizza d-differenzi fil-valuri għas-soċjetà maż-żmien.

2.4. L-applikazzjoni għal deroga għandha tidentifika b'mod ċar is-sors tal-informazzjoni tal-benefiċċji ambjentali u l-metodi użati għall-kalkolu tal-benefiċċji ambjentali, inkluża r-rata ta' skont imsemmija fil-punt 1.3(c) u l-istima tal-inċertezzi assoċjati mal-evalwazzjoni tal-benefiċċji ambjentali.

2.5. Il-benefiċċji ambjentali evalwati mill-operatur għandhom jiġu vvalutati mill-awtorità kompetenti, abbażi ta' ġudizzju espert jew data minn installazzjonijiet oħra fejn ġew installati reċentement l-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

**3. Sproporzjonalità tal-kostijiet meta mqabbla mal-benefiċċji ambjentali**

3.1. Sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx sproporzjonalità, għandhom jitqabblu l-kostijiet tal-konformità mal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, u l-benefiċċji ta' tali konformità.

3.2. Il-mekkaniżmu ta' tqabbil għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) metodu biex jiġu indirizzati l-inċertezzi fl-evalwazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji ambjentali;

(b) speċifikazzjoni tal-marġini li bih il-kostijiet għandhom jaqbżu l-benefiċċji ambjentali."

**Jemenda l-Iskeda 3 tar-regolamenti prinċipali.**

**23.** L-Iskeda 3 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Il-punt 2 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"2. l-użu ta' sustanzi anqas perikolużi, inklużi anqas użu ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna;";

(b) Il-punt 5 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"5. avvanzi teknoloġiċi, inklużi għodod diġitali, u tibdil fl-għarfien u fil-fehim xjentifiku;";

(c) Il-punt 9 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

"9. il-konsum u n-natura tal-materja prima, inkluż l-ilma, użata fil-proċess u l-effiċjenza ta' enerġija u l-użu mill-ġdid u d-dekarbonizzazzjoni;";

(d) Il-punt 10 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-punt ġdid li ġej:

“10. il-ħtieġa li jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt ġenerali tal-emissjonijiet fuq l-ambjent, inkluża l-bijodiversità, u r-riskji għalih;”;

(d) Il-punt 11 tagħha għandu jiġi sostitwit b’dan il-punt ġdid li ġej:

“11. il-ħtieġa li jiġu evitati l-aċċidenti u minimizzati l-konsegwenzi għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem;”.

**Jemenda l-Iskeda 4 tar-regolamenti prinċipali.**

**24.** L-Iskeda 4 tar-regolamenti prinċipali għandha tigi emendata kif ġej:

(a) F’paragrafu 1 tagħha, il-kliem “Il-pubbliku għandu jiġi mgħarraf (permezz ta’ avviżi pubbliċi jew mezzi oħra xierqa bħall-mezzi elettroniċi, fejn dawn ikunu disponibbli)” għandu jiġi sostitwit bil-kliem “Il-pubbliku għandu jiġi mgħarraf kmieni fil-proċeduri għat-teħid ta’ deċiżjoni dwar il-materji li ġejjin, permezz ta’ avviżi pubbliċi u fuq paġna web”;

(b) Paragrafu 3 tagħha għandu jiġi sostitwit b’dan il-paragrafu ġdid li ġej:

“3. Meta l-applikazzjoni tiġi validata għal perjodu ta’ konsultazzjoni pubblika għandhom ikunu ta’ tletin (30) ġurnata għall-proċedura deskritta fir-regolament 18(1)(a) sa (d), iżda tista titnaqqas għal ħmistax-il (15) ġurnata f’każijiet urġenti ta’ importanza nazzjonali u każijiet oħra fejn l-awtorità kompetenti tqis neċessarju.”;

(c) Paragrafu 5(a) tagħha għandu jiġi sostitwit b’dan il-paragrafu ġdid li ġej:

“(a) il-proċess ta’ konsultazzjoni pubblika għandu jitnieda permezz ta’ avviż fuq is-sit tal-awtorità kompetenti.”

(d) Paragrafu 5(b) tagħha għandu jiġi sostitwit b’dan il-paragrafu ġdid li ġej:

“(b) Għandhom jiġu pprovduti perjodi raġonevoli ta’ żmien għall-fażijiet differenti, billi jitħalla żmien biżżejjed sabiex il-pubbliku jiġi informat u biex il-membri tal-pubbliku kkonċernat iħejju ruħhom għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-ambjent, u jipparteċipaw b’mod effettiv fih, soġġett għal din l-Iskeda.”

**Jemenda l-Iskeda 5 mar-regolamenti prinċipali.**

**25.** L-Iskeda 5 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

a) F’kategorija 6 il-kliem “, eskluż trobbija intensiva tat-tjur u l-majjali (6.6 taħt)” għandu jiġi mħassar.

b) Kategorija 6.6 (trobbija intensiva tat-tjur u l-majjali) għandu jiġi mħassar.